Jon to Kidner 6.

# MOZZJONI

Numru: 6898/24/9.

**Sabiex jigu approvati l-minuti tal-laqgha b'urgenza 6/2024 bid-data tat-17 ta' Settembru 2024.**

Proponent

Sekondant

EMENDI/ ADDENDA

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-mozzjoni ġiet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv 25/9/2024.

# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Minuti**

**Laqgħa b'Urgenza tal-Kunsill Lokali Il-Fgura**

**Laqgħa Numru 06/2024**

Data: it-Tlieta 17 ta' Settembru, 2024

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania DeGiovanni | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsillier |
| Skużat/i: | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| Assenti: | Sur Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsilliera |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

06.1 TALBIET TA' APOLOGIJA

06.2 PJAN TA' HIDMA

# KUNSILL LOKALI FGURA

Il-laqgha tal-Kunsill bdiet fis-1730 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien prezenti.

### 06.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**06.01.1** Kien hemm 2 talbiet ta' apoloġija minghand il-Kuns Ray Deguara minhabba appuntament mediku u minghand il-Kuns A Tanti minhabba mpenji marbutni mal-mobility week.

### 06.2 PJAN TA'HIDMA

**06.2.1** Is-Sindku informa lil kamra bil-proposti tal-Pjan ta' Hidma tal-kunsilliera. Beda bil-Pjan ta' Hidma tal-Kuns J Scicluna fejn kif diġà kien gie diskuss li l-hargiet jitnehhew mill-pjan iżda ma tnehhewx. Is-Sindku qal li l-hargiet isiru filghodu biss mill-kunsillier responsabli. Kompla billi rringrazzja lil kull min ressaq il-pjan ta' hidma sad-data tal-11 ta' Settembru, iżda l-unika issue li hemm hu l-pjan ta' hidma tal-Kuns Tanti li ressaq il-pjan tard. Is-Sindku ressaq il-pjan dak il-hin fuq il-mejda saqsa lill-kamra jekk taċċettax dan. Il-Kuns M Lombardo qal li la wasal qabel l-laqgha jista' jitressaq. Il-Kuns C Bonello qal li jista jitressaq iżda ghandna niġbdu l-attenzzjoni tal-Kuns A Tanti li jekk ikun hemm rapporti li jaslu tard jistghu ma jiġux aċċettati. Is-Sindku qabel ma' dan. Il-Kuns J Scicluna xtaqet taghmel l-intervent taghha rigward il-hrug. Is-Sindku infurmaha sabiex f'dan il-kas irid jinżamm is-suggett imniżżel fl-agenda. Il-Kuns C Bonello fhiem lil Kuns J Scicluna li meta jkun hemm każijiet bhal dawn jiġu mitkellma fil-laqgha ta' kull xhar fil-progress ta' hidma jew mas-Sindku. Il-Kuns J Scicluna rringrazzjatu. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6894/24/9** 'Sabiex dan il-kunsill japprova l-proposti li hemm imsemmija fir-rapport tal-Pjan ta' Hidma 2024-2029 li l-Kunsill ircieva minghandis-Sindku Clayton Cascun Portelli, flimkien mall-Kunsillieri, Charles Bonello, Ray Deguara, Mark Lombardo, Josianne Scicluna, Ryan Ellul, Izak Catania Degiovanni u Adrian Tanti, liema rapporti huma annessi mall-mozzjoni.'

Din kienet sekondata mill-Kuns I Catania DeGiovanni.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-laqgħa ntemmet fid-17:40hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data:17 ta' Settembru, 2024